PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

IMHALLEF

ONOR. DR DAVID SICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

Seduta ta' nhar il-Gimgha, 10 ta' Dicembru,1999.

Numru 15

Citaz. Nru 698A/93 DS

Saviour Desira
vs
Andrew Vassallo

Illum, 10 ta' Dicembru 1999

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-11 ta' Gunju 1993 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi:

Filwaqt illi kien qieghed isuq il-vettura tal-marka Cortina numru D-5926 fit-12 ta' Awissu 1992, gewwa Paola, l-konvenut bi traskuragni, imprudenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat fil-karrozza Isuzu numru N-3986, propjeta' tal-attur u misjuqa minnu u kkaguna danni ngenti fl-imsemmija karozza N-3986.

Interpellat jaghmel tajjeb ghad-danni minnu kkawzati il-konvenut baqa' inadempjenti.

talab lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni tat-12 ta' Awissu 1992, fuq imsemmija u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attur.
2. tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' tlett mija u seba' u sittin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm367.20) jew somma verjuri illi tigi likwidata previa okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi.

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur, in linea ta' danni l-imsemmija somma ta' tlett mija u seba' u sittin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm367.20) jew somma verjuri illi tigi likwidata minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 t'Ottubru 1992, kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante li l-kawza prossima tal-kollizjoni huwa s-sewqan tal-attur stess.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tal-15 ta' Novembru 1993 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace bhala perit legali biex ifittex u jirrelata u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fil-5 ta' Lulju 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

L-incident awtomobilistiku in kwistjoni gara fl-inkrocju ffurmat minn Triq in-Nazzarenu u Triq S. Ubaldesca, Rahal Gdid. L-attur kien qieghed isuq il-van Isuzu numru N-3986 go Triq in-Nazzarenu biex jaqsam Triq S.

Ubaldesca u jmur fid-dritt filwaqt li l-konvenut kien qed isuq Cortina numru D-5926 go Triq S. Ubaldesca biex jaqsam Triq in-Nazzarenu.

L-attur xehed li f'salib it-toroq waqaf u sab ma' wiccu l-karrozza l-ohra li kienet qed tinsaq mil-lemin ghax-xellug tieghu. Fil-hin ta' l-impatta kien wieqaf. Mlli waqaf ezatt, ghadda u nqala' minn mieghu u mar fuq karrozza ohra. Imbaghad ippreciza li ma kienx stop imma kemm jaqleb ir-roti. Hsara kellu mal-faccata. F'salib it-toroq ma kienx hemm stop sign. Meta gara l-incident iz-zewg toroq kienu two-way.

Il-konvenut xehed li fil-kantuniera ma' Triq in-Nazzarenu waqaf stop, hareg u kif appena wasal fit-tarf l-iehor tat-triq giet id-daqqa. Waqaf wara li miss karrozza ohra pparkjata. Il-hsara tieghu kienet mal-genb xellugi pero' l-kantuniera tax-xellug ta' quddiem.

In kontro-ezami qal li waqaf fil-kantuniera qabel ma hareg. Hares u hareg. Meta waqaf u hares ma ra lil hadd. Lill-Isuzu ma rahiex hlief meta giet bl-impatt fuqu. Mistoqsi kif ikkunsidra l-importanza taz-zewg toroq qal li fejn kien hu usa'. Waqaf boghod mill-attur tul ta' xi zewg karrozzi jew ftit izjed. Fuq ix-xellug tieghu qabel hareg ma kellux vetturi pparkjati pero' dejjem ihobb izomm lejn in-nofs meta jigi ghal inkrocju.

Il-perit legali ssottometta li jhoss li l-inkrocju fejn gara l-incident kien maghmul minn toroq ta' l-istess importanza sekondarja. M'hemm xejn x'jindika mill-atti li dan mhux hekk. Ghalhekk tajjeb ikkonkluda l-istess perit legali li l-attur kellu d-dritta peress li kien fuq ix-xellug tal-konvenut. Naturalment f'dan il-kaz fejn iz-zewg toroq kienu t-tnejn two-way l-attur seta' facilment sab lil xi hadd gej mix-xellug tieghu minflok, kif gara, mil-lemin tieghu. U harsa lejn l-iskizz tindika li kienu z-zewg sewwieqa li baqghu hergin minghajr ma hadu l-prekawzjonijiet necessarji. Konsegwentement il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni peritlai li r-responsabbilta' ghandha tinqasam terz ghall-attur u zewg terzi ghall-konvenut.

Id-danni subiti mill-attur kienu Lm367.20 kif jidher mid-dokumenti B sa F annessi mac-citazzjoni u li ma gewx kontestati konformement mal-verbal li sar fis-seduta peritali tal-15 ta' Marzu 1999. Stante li l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident fil-proporzjon ta' zewg terzi, ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' Lm244.80.

Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali jaghmel riferenza ghad-danni subiti mill-konvenut bhala ammontanti ghal Lm365.40. Ghal kull bwon fini qieghed jigi osservat li in effetti skond id-dokumenti esibiti mill-konvenut (Dok. P1 sa P7) dawn jammontaw ghal Lm299.20, terz ta' liema jammontaw ghal Lm99.73. Il-Qorti pero' trid toqghod ghat-talbiet formulati.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

(1) tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident in kwistjoni fi proporzjon ta' zewg terzi,
(2) tillikwida d-danni minnu dovuti lill-attur fis-somma ta' Lm244.80, u
(3) tikkundannah ihallas lill-attur din is-somma ta' Lm244.80., bl-imghax kif mitlub.

Bl-ispejjez li jithallsu terz mill-attur u zewg terzi mill-konvenut.

Grazio Galea
D/Registratur